

IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2012 —
Conceria Kara vs UASI — Dima (KARRA)**

(Kawża T-270/10) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali KARRA — Trade marks nazzjonali u Komunitarji figurattivi preċedenti Kara — Isem korporattiv Conceria Kara Srl u isem kummerċjali Kara — Raġunijiet relattivi għal rifjut — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75, tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi — Mala fide*”)

(2012/C 174/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Conceria Kara Srl (Trezzano sul Naviglio, l-Italja) (rappreżentant: P. Picciolini, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Mannucci, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Dima — Gida Tekstil Deri Insaat Maden Turizm Orman Urünleri Sanayi Ve Ticaret Ltd Sti (Istanbul, it-Turkija)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Marzu 2010, (Każ R 1172/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Conceria Kara Srl u Dima — Gida Tekstil Deri Insaat Maden Turizm Orman Urünleri Sanayi Ve Ticaret Ltd Sti.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Concerta Kara Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 221, 14.08.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 2012 —
Universal Display vs UASI (UniversalPHOLED)**

(Kawża T-435/11) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali UniversalPHOLED — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7, (1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2012/C 174/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Universal Display Corp. (Ewing, New Jersey, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Poulter u C. Lehr, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-18 ta' Mejju 2011 (Każ R 215/2011-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali UniversalPHOLED bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Universal Display Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 298, 8.10.2011.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2012 — de Brito
Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda T-40/07 P-REV u T-62/07 P-REV) ⁽¹⁾

(“*Proċeduri — Talba għal reviżjoni — Fatt ġdid — Assenza — Inammissibiltà*”)

(2012/C 174/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: José António de Brito Sequeira Carvalho (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Boury, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għal reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2009, de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs de Brito Sequeira Carvalho (T-40/07 P u T-62/07 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra).